# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 4 ta' Ottubru, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Jason Manuel Briffa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet- kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju 2009 - migjuba kontra:

Jason Manuel Briffa ta' 31 sena imwieled fid-9 ta' Dicembru 1974 Sydney Australia, bin Gaetano u Aida nee Cunningham u residenti il-Madonna tal-Girgenti, Triq, il-Palazz, Bahrija, detentur tal-karta tal-identita numru 121193(M)

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer bejn Jannar 2002 u Dicembru 2003 iffalsifika cedula, polza jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu konsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali[1], fejn deherlu li tista' tinstab htija:

(a) Fl-artikolu 167(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikolu 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew bil-procedura sommarja u jigu hekk decizi minn din il-Qorti.[2]

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tat-8 ta' Frar 2017,[3] gie registrat il-verbal segwenti:

*"L-imputat iddikjara li qed jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.*

*Rat li l-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni, u partikolarment li l-imputazzjoni dedotta kontrih twassal ghal piena massima ta' 4 snin habs, u wara li taghtu zmien sufficjenti sabiex l-imputat jerga' jahsibha u jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, hu rega' ikkonferma li qed iwiegeb hati ghall-imputazzjoni dedotta kontra tieghu."*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation u rat ir-rapport taghha dwar jekk l-imputat hux kandidat idoneu sabiex jaghmel xoghol ta' servizz fil-komunita minghajr hlas ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Mill-provi prodotti u mill-ammissjoni tieghu stess, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih.

[1] A fol. 63 tal-process.
[2] A fol. 58 tal-process.
[3] Ara fol. 86 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni, huwa rregistra din l-ammissjoni tmin (8) snin wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, u wara li dawn il-proceduri ilhom ghaddejin hdax-il sena. Huwa ovvju li meta l-imputat sab ruhu dahru mal-hajt, huwa rregistra din l-ammissjoni bl-isperanza li jiehu mitigazzjoni fil-piena. Pero, din il-Qorti ma jidhrilix li fic-cirkostanzi ghandha taghti mitigazzjoni fil-piena stante li l-hati xorta hela l-hin u r-rizorsi kemm ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Pulizija, u parti sostanzjali ta' dan id-dewmien hija dovuta ghal fatt li l-imputat naqas li jidher il-Qorti jew ma setghax jinstab mill-Pulizija.

Minn dawn il-proceduri jirrizulta li l-imputat iffalsifika tmin (8) cekkijiet ta' dik li dak iz-zmien kienet il-mara tieghu, li komplessivament jammontaw ghal LM1671.50 – ekwivalenti ghal €3893.55.

Ghalkemm meta bdew dawn il-proceduri, l-imputat kellu fedina penali netta, il-fedina penali aggornata tieghu hija wahda raffrettarja bi tmienja u ghoxrin (28) kundanna, u llum il-gurnata qed jiskonta piena karcerarja l-habs ghal falsifikazzjoni – l-istess reat dedott kontrih fil-proceduri odjerni, u ilu diehel u hiereg mill-habs ghal zmien twil.

Fir-rapport taghha, l-Ufficjal tal-Probation qalet *inter alia* hekk: *"Jason Manuel Briffa jsostni li huwa fil-passat kellu problema akuta tas-sustanza kokaina imma li giet indirizzata permezz ta' programm ta' riabilitazzjoni fl-2009. Huwa sostna li rega' beda jaghmel uzu minn sustanzi illeciti f'Marzu 2013 u waqaf jaghmel uzu mis-sustanzi illeciti minhabba li spicca l-habs. ... ..."*

Fir-rapport taghha, l-Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet hekk:

*"Minn informazzjoni migbura matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, hu evidenti li kien hemm perjodu ta' instabbilita f'hajjet l-imsemmi kemm fuq livell socjali kif ukoll mill-aspett legali. Ta' min jinnota li fil-passat kellu diversi kazijiet, fosthom li jittrattaw ingann, frodi, problemi mad-Dipartiment tat-Taxxa, serq, ma hallasx il-manteniment ta' bintu, disprezzi lejn il-Qorti, kif ukoll li minkejja li l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati sabiex*

*jindirizza l-problemi tieghu, huwa xorta ghazel il-hajja kriminali (Ara Dok. 3 Fedina Penali).* … …

*Ta' min jinnota li l-imputat meta kien fil-komunita kien qieghed jigi segwit fuq Ordni ta' Probation. Rigward din l-Ordni ta' Probation l-imputat wera nuqqas ta' koperazzjoni, fejn ma kienx isegwi d-direttivi moghtija lilu mill-istess Ufficjal tal-Probation (Ara Dok. 4 rapport tal-Ufficjal tal-Probation. Infatti kienet saret denunzja quddiem l-Imhallef Dr Michael Mallia u l-imputat kien inghata sentenza ta' sentejn habs. Ta' min jinnota li meta huwa kien qieghed taht Probation, l-Ufficjal tal-Probation saret taf b'kazijiet li kien qieghed jigi akkuzat dwarhom.*

… …

*Fil-passat l-ikkoncernat kellu problema akuta tad-droga kokaina. Illum il-gurnata jidher li mhux qed jahdem fuq dan ir-rigward u dan minhabba li huwa stess informa lill-Ufficjal tal-Probation li ghadu ma applikax ghall-programm ta' riabilitazzjoni mid-droga kif ukoll ghazel li ma jibbenefikax mill-ebda ghajnuna sabiex jahdem fuq l-issues li ghandu, specjalment droga.*

*Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, fil-prezent huwa difficli sabiex wiehed jikkunsidra l-idonjeta tal-imputat specjalment fir-rigward tal-abbuz tad-droga. Dan ghaliex Briffa ilu ghal dawn l-ahhar snin mizmum f'ambjent ikkontrollat. Ghaldaqstant, l-assessjar rigward l-idonjeta li jwettaq Ordni ta' Servizz fil-Komunita ghandu jsir wara li l-imputat johrog mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin."*

Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-hati ghandu tlett kawzi kriminali ohra pendenti, wahda minnhom appell minn sentenza karcerarja ta' sitt (6) snin habs fuq misappropropjazzjoni.

Ladarba l-hati hela l-opportunitajiet kollha li tawh dawn il-Qrati sabiex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, u minkejja li issa spicca l-habs u ma wera l-ebda xewqa li jfittex l-ghajnuna sabiex jirriforma ruhu, l-unika piena idonea tenut kont tal-fatti specje tal-kaz odjern hija wahda karcerarja effettiva – forsi fl-ahhar l-hati jirrealizza li ghandu bzonn jiehu inizzjattiva biex ibiddel hajtu, jekk ma jridx iqatta' l-bqija ta' hajtu wara l-izbarri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 167(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotti kontrih, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn prigunerija.

In oltre ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati ihallas lil Stefania Aquilina is-somma ta' €3893.55 – ekwivalenti ghas-somma ta' LM1671.50 – l-ammont ta' danni li sofriet Aquilina, konsegwenza tac-cekkijiet iffalsifikati.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**